MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

**ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO**

Seduta ta' 23 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 889/1997/1

Agnes Pace
vs
Chief Government Medical Officer

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn 1987 u 1995, ir-rikorrenti kienet sofriet pregudizzju u ingustizzja konsistenti fil-fatt illi kienet giet soggettata ghal diversi trasferimenti vendikattivi.

Illi l-fatti tal-kaz fis-semplicita` taghhom kienu s-segwenti:

Illi r-rikorrenti kienet tahdem l-Isptar bhala Hospital Security. Damet f'dan l-inkarigu ghal cirka sitt snin.

Illi ftit wara l-elezzjoni tal-1987, hija kienet giet trasferita ghall-receptionist mad-Dipartiment tal-Virology.

Illi ftit wara, minn dan id-Dipartiment kienet giet trasferita bhala receptionist mad-Dipartiment tal-M.O.P.

Konsegwenza ta’ dawn it-trasferimenti, r-rikorrenti kienet giet imtelfa x-shift allowance u l-allowance minhabba l-fatt illi kienet tahdem fil-Hdud u l-Festi.

Konsegwenza ohra ta’ dawn it-trasferimenti kien il-fatt, illi hija ma setghetx tapplika ghal dawk il-promozzjonijiet li setghu hargu fid-Dipartiment tas-Security u b’hekk nies li dahlu warajha llum il-gurnata jinsabu f’posizzjoni hafna ahjar mir-rikorrenti.

Illi fl-istess perjodu, waqt li r-rikorrenti kienet qeghda taqdi d-doveri taghha fid-Dipartiment tal-M.P.O., kienet giet moghtija Lm15 fix-xahar kwantu zieda tal-paga. Gara illi din iz-zieda kien hemm min hadha b’lura u min, kif gara fil-kaz tar-rikorrenti, hadha mill-gurnata li bdiet tapplika.

Illi hija kienet bi hsiebha ggib biex issostni l-ilment taghha lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kienet bi hsiebha ggib prova dwarhom bix-xhieda taghha.
Ghaldaqstant ir-rikorrenti, filwaqt li ghamlet riferenza ghal fuq espost u rriservat illi tressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni, talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u tinghata rimedju billi tigi:

(1) Dikjarata illi fil-konfront tar-rikorrenti gew kommessi diversi ingustizzji;
(2) Tinghata l-flus dovuti lilha kwantu telf minhabba t-trasferimenti li sofriet u kwantu l-fatt illi hija ma rcevietx il-Lm15 fix-xahar b’lura bhal persuni ohra; u
(3) Kumpens ta’ hamest elef lira Maltija (Lm5000) sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ingustizzji hekk sofferti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi ma tezisti l-ebda rekord dipartimentali illi r-rikorrenti fil-fatt kienet inghatat xi transfer kif minnha allegat fit-tieni paragrafu tar-rikors.

Illi rigward ix-shift allowance din tinghata meta l-persuna koncernata tkun tahdem bix-shift. Jekk skond l-esigenzi tas-servizz jinghata xi transfer u dawk il-hinijiet extra ma jibqghux jinhadmu tali allowance ma tistax tinghata.
Illi rigward il-hames paragrafu tar-rikors, stante illi qatt ma hargu sejhiet ghall-applikazzjonijiet dwar promozzjonijiet fid-Dipartiment tas-Security l-allegazzjoni maghmula mir-rikorrenti hija inattendibbli u infondata.

Illi rigward is-sitt paragrafu, ma tezisti l-ebda rekord li nghatat xi zieda.

Ghaldaqstant l-intimat filwaqt li jgib il-premess a formali konjizzjoni tar-rikorrenti talab lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez it-talbiet kollha taghha stante infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrenti pprezentat affidavit fejn ikkonfermat il-fatti msemmija fir-rikors. Semmiet li dahlet fl-impjieg taghha ma’ tnejn u ghoxrin sena ilu u li x-xoghol taghha hu dak ta’ security. Dwar wara, specifikat illi x-xoghol taghha proprjament huwa dak ta’ supervisor fuq xoghol ta’ porters. Wara li kienet fuq security kienet giet imnehhija u tpoggiet fis-sezzjoni maghrufa bhala tal-Post Natal. Izda wara li poggewha f’xoghol li ma accettatux u cioe`, xoghol

ta' fattiga, giet imqieghedha fil-gate pero` kwarta wara giet imqabbda taghmel xoghol ta' reception fir-reception tal-virology.  Peress li pprotestat dwar dan ix-xoghol baghtuha l-acopuncture.  Hemmhekk damet ma' tliet snin u meta l-post ghalaq kienet giet diretta l-ophtalmic. Hemmhekk kull ma damet xi tlett ijiem u sabet ruhha fil-Medical Out Patients taghmel xoghol fir-reception.  Wara qisu tlett snin regghet sabet ruhha taghmel ix-xoghol taghha, cioe` ta' security.

Sostniet li minhabba l-fatt li kienet giet impoggija taghmel xoghol li ma kienx konness mal-pozizzjoni taghha, hi tilfet ix-xoghol ta' security u b'hekk tilfet l-allowances.  Sostniet ukoll li tilfet ic-cans ta' promozzjonijiet minhabba l-fatt ta' dan il-moviment.  Qalet li min ma kellux 19-il sena seniority ma setax japplika u li din kienet kundizzjoni ingusta ghax imbaghad gew imdahhla nies minn barra li ma kellhom l-ebda seniroity.

In kontro-ezami semmiet li qabel ma rceviet it-transfer, hi fil-fatt kellha l-grad ta' Portress bhal ma ghandha llum. Wara t-transfer, il-grad taghha ma nbidilx u l-anqas il-paga, izda tilfet l-allowances.  Kienet St. Lukes u baqghet tahdem St. Lukes

Gie pprezentat affidavit ta' Frank Attard, Senior Principal fid-Dipartiment tar-Rizorsi Umani li semma li Agnes Pace kienet bdiet tahdem mal-Gvern bhala Portress u mhux supervisor fuq il-Porters.  Kemm damet tahdem ta' security hija qatt ma lmentat li dak ma kienx ix-xoghol taghha skond l-appointment ta' Portress imsemmi.  Meta ntbaghtet tahdem fil-Post Natal Ward, il-grad taghha baqa' li kien jigifieri ta' Portress u l-paga baqghet xorta.  L-istess jista' jinghad ghal meta kienet taghmel xoghol ta' security. Haddiem ma ghandu l-ebda jedd illi jaghzel ix-xoghol hu li jaghmel.  Ix-xoghol ta' Agnes Pace skond l-appointment kien ta' Portress u qatt ma kien ta' security.

Rigward il-hlas ta' allowance, din ma hix dritt awtomatiku tal-haddiem izda tinghata biss jekk ix-xoghol ikun jirrikjedi li haddiem jahdem aktar u jithallas tax-xoghol zejjed.  Jekk haddiem ma jahdimx hin extra ghal allowance huwa

ddettat biss mill-ammont ta' xoghol dak il-hin u l-bzonn ivarja kontinwament. Ma hemm l-ebda regola fissa. Rigward is-sejha ghal promozzjoni dan huwa ezercizzju tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta illi fil-fatt ir-rikorrenti qeda tilmeta illi tilfet l-allowances billi giet moghtija xoghol mhux konformi mal-grad taghha, kif ukoll illi lmentat li tilfet il-promozzjoni. It-Tribunal sejjer jibda biex jiddiskuti l-aspett tal-promozzjoni u dwar dan ghandu jinghad illi r-rikorrenti l-anqas biss qatt specifikat ghal liema applikazzjonijiet bin-numri taghhom qieghedha tirreferi u l-anqas biss is-sena u c-cirkolari liema hi. Inoltre, ma gie esebit xejn dwar dawk illi fil-fatt lahqu. Ghalhekk, certament, it-Tribunal mhux f'posizzjoni biex jindaga jekk saritx ingustizzja fit-termini tal-Kapitolu 394. L-unika kontenzjoni tar-rikorrenti hija, li minhabba l-ispostamenti li kellha, hi ma kellhiex id-dsatax-il sena esperjenza u dan kif semmiet fl-affidavit taghha meta fit-tarf tal-pagna 9 hija qalet dan il-kliem:

"Irrid nghid illi jiena u kull min kien bhali ma setax japplika ghal din il-promozzjoni u dan ghax kienet giet imposta kundizzjoni li min ma kellux dsatax-il sena seniority ma setax japplika".

Pero` r-rikorrenti l-anqas biss ipproduciet kopja tac-cirkolari msemmija. Certament dan ma jistax iwassal biex it-Tribunal isib illi saret xi ingustizzja u ghalhekk f'dan ir-rigward jilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat.

It-tieni aspett ta' l-ilment huwa illi r-rikorrenti garret illi hi batiet diversi transfers u li kawza ta' dawn it-transfers tilfet l-allowances. Jinghad illi fil-fatt ir-rikorrenti kellha l-grad ta' Portress u mhux kif semmiet hi stess. Kemm damet tahdem ix-xoghol ta' security qatt ma kien ir-rank taghha. Meta ntbaghtet tahdem il-Post Natal Ward il-grad taghha baqa' li kien, jigifieri ta' Portress u l-istess dwar meta kienet taghmel xoghol iehor. Id-dritt ta' shift allowances hija haga dipendenti mix-xoghol in kwistjoni. M'huwiex dritt ta' ebda haddiem li jiehu l-allownaces ta' shift jekk ma jkunx hemm shifts. Ma rrizultax illi fil-verita` il-

kundizzjonijet ta' xoghol tar-rikorrenti gew miksura b'xi mod.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat, jichad it-talba.
Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.